ĦARGA NUMRU 9 - XITWA 2016

NEWSPAPER POST

# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI




6 JEKK MA TISTAX TADDOTTANI SPONSORJANI

13 RIĊETTA TAL-MARMALADE

14 NIXTIEQ NAĦDEM MAL-ANNIMALI

# IL-WERREJ

3 MESSAĠĠ
4 XYELLA FASTIDIOSA
5 KLASSIFIKAZZJONI TAĊ-ĊANGA
6 TADDOTTANI/SPONSORJANI
7 TJUR MALTIN
8 IŻ-ŻAGĦFRAN
9 IL-MANJIERI TAR-RAĦĦAL
10 SPEĊI KARIŻMATIĊI TAL-BAĦAR
11 PINE WILT DISEASE
12 ROKNA TAT-TFAL
13 RIĊETTA TAL-MARMALADE
14 NIXTIEQ NARDEM MAL-ANNIMALI
15 KAPPELLI MALTIN
16-17 MXEJJEX MALTIN
18 COMMON BUNT
18 - 19 GĦAJNUNA GĦALL BDIEWA
20 DWIELI U ŻEBBUĠ
21 ANIMAL WELFARE FUND
22 GĦERF ĠENSNA FIL-MILIED
23 VILLAĠĠ TAL-MILIED

# L-EDITORJAL

Għeżież Qarrejja,

Għal darb'oħra nerġa inselmilkom. Erġajna wasalna fi tmiem is-sena. Żmien li jġib miegħu l-ferħ tal-festi tal-Milied u l-ewwel tas-Sena fejn il-familji u l-ħbieb jiftakru iktar f'xulxin u jagħmlu mezz illi jiltaqgħu u jqattgħu iktar ħin flimkien. F'dawn il-ġranet wieħed jirrifletti fuq is-sena li għaddiet u jagħmel proponimenti għas-sena d-dieħla. Huwa żmien ukoll illi fih innaqsu ftit mir-ritmu tal-ħajja mgħaġla tal-llum u forsi niftakru li jeżistu realtajiet fil-ħajja illi ħdejhom il-problema tagħna ta' kuljum huma żgħar ħafna u flimkien ningħaqdu biex ngħinu lil dawk li huma aktar fil-bżonn.

Ta' kull sena t-Taqsima Festi Rurali fi ħdan is-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali se torganizza Villaġġ tal-Milied, b'risq Puttinu Cares. Inħeġġiġkom tingħaqdu magħna għal din il-kawża ġusta, nhar is-Sibt 17 ta' Diċembru mill-17.30 'l quddiem u l-għada il-Ħadd 18 ta' Diċembru bejn 10.00-17.00, fl-Għammieri. Għal aktar informazzjoni agħtu titwila il-poster f'paġna 23, kif ukoll tistgħu tidħlu fil-paġna tagħna (Facebook.com/Nisget Artna), fejn hemm ssibu l-aħħar informazzjoni kollha dettaljata.

Minn hawn nixtieq illi nirringrazzja lil kollegi tiegħi, tal-ħidma li wettaqna matul din is-sena, kif ukoll lil kontributuri kollha tal-magażin Nisġet Artna illi f'kull ħarġa jaqsmu magħna informazzjoni siewja. Nixtieq ukoll nirringrazzja lilkom il-qarrejja tas-sapport li turu matul s-sena u nfakarkom li kull min jixtieq jagħmel kuntat magħna biex jagħdi xi suġġerimetni, jista' jagħmel dan billi jċempel fuq 2292 4110/4285 jew permezz tal-facebook page tagħna (Facebook.com/Nisget Artna).

Filwaqt li nixtieq il-Milied it-tajjeb lil kulħadd, nawġura għal sena mimlija risq, hena u fuq kollox is-saħħa.

Tislijiet
**Ramona Borg**

**NISĠET ARTNA**
Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

**Taqsima Festi Rurali**
Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp
L-Għammieri, Triq L-Ingiered
Il-Marsa, MRS 3303



**Kordinatriċi**
Stephanie Bonello

**Editur**
Ramona Borg

**Kontributuri**
Alden Grima
Arnold Sciberras
Claire Cauchi
David Bartolo
Hazel Farrugia
Jeffrey Sciberras
Malcolm Borg
Malcolm Vassallo
Maureen Delia
Philip Aquilina
Philip Camilleri
Simone Galea
Stefan Cachia

**Qari tal-provi**
Christopher Bonnici
Louis Briffa
Leslie Vassallo

**Disinn**
MAD PROMOTIONS




# IL-FESTI T-TAJBA

Għeżież,

Wasalna fit-tmiem ta' dawn it-tnax- il xahar! Kull sena qiegħda ttir bħal ħomla! Bir raġun, għax din is-sena reġgħet kienet bħal ta' qabilha, ma qatgħet xejn mill-impenji li imbarkajna fuqhom, kemm bħala Segretarjat, kif ukoll bħala Gvern.

F'dawn iż-żminijiet huwa tajjeb illi kull wieħed u waħda minna nħarsu lura lura sabiex naraw il-ħidma tagħna; mhux biss aħna li aħna involuti fil-qasam politiku. Mill-qasam tagħna nistgħu nkunu kburin illi saru ħafna inizjattivi li affettwaw b'mod aħjar lill-bdiewa u lis-sajjieda kif ukoll lill-annimali. Dawn tal-aħħar m'għandhomx leħen, u għalhekk għandna nkunu aħna li nkunu l-leħen tagħhom.

Infakkru li fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2017 Malta ser tkun qiegħda tmexxi l-Presidenza fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Dan ifisser illi Malta ser tkun qiegħda tmexxi l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tiddetermina l-aġenda, tistipula programm ta' ħidma u tikkordina d-djalogu bejn il-Kunsill u l-entitajiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ser ikun ta' unur għalija li nippresiedi l-laqgħat relatati mal-agrikoltura, sajd u annimali. Bis-saħħa ta' dawn is-sitt xhur ser inkunu nistgħu nqiegħdu fuq l-aġenda dawk id-diskussjonijiet li naħsbu li huma ta' importanza, u flimkien mal-membri stati l-oħra naslu għal konklużjonijiet u deċiżjonijiet għal futur aħjar tal-Unjoni Ewropea.

B'dan ix-xahar magħruf l-aktar għall-festi relatati ma' żmien il-Milied nixtieq nagħmel appell biex ma jingħatawx annimali bħala rigali lil tfal, jekk ma nkunux ċerti li l-ġenituri japprovaw u lesti li jieħdu ħsieb lill-annimal. Ladarba annimal daħal fid-dar, dan issa sar parti mill-familja u hija biss il-mewt li tista' toħorġu minn hemm! Għalhekk, għandna nindukrawhom u nieħdu ħsiebhom. Inkompli l-appell tiegħi billi ngħidilkom li madwar Malta hawn ħafna santwarji tal-annimali, u għalhekk għandna ngħinuhom billi minflok nixtru annimal, naddottaw.

Fl-aħħar nett nixtieq nawguralek il-Milied u s-Sena Tajba mimlija hena u ferħ!

Awguri!

Roderick Galdes.




# IMNIDIJA KAMPANJA T'GĦARFIEN DWAR IL-BATTERJU **XYLELLA FASTIDIOSA**

Is-Segretarju Parlamentari għall-biedja, sajd u drittijiet tal-annimali illum sejjaħ konferenza stampa sabiex jagħti bidu għal-kampanja t'għarfien dwar il- batterju Xylella Fastidiosa.

L-Onorevoli Roderick Galdes spjega li l-Xylella Fastidiosa hija marda batterika trażmessa permezz ta' insetti żgħar – eż spittlebugs u leafhoppers - li jgħixu permezz tal-likwidu tal-pjanta, liema effetti jimmanifestaw ruħhom fuq it-truf tal-weraq tas-siġra li jibdew jitbielu u jinxfu sakemm imutu.

Din il-marda għandha firxa wiesgħa ħafna ta' siġar li jistgħu jiġu infettati u li huma ta' importanża għall-ekonomija, fosthom siġar taż-żebbuġ, siġar taċ-ċitru, frott irqiq, kif ukoll dwieli. Dan il- batterju tfaċċa f'dawn l-aħħar snin fl-Ewropa, u s'issa qered madwar miljun siġra taż-żebbuġ ġewwa l-Italja u ġie nterċettat ukoll ġewwa Franza, l-Ġermanja u Spanja .

Hu spjega li ladarba din il-marda tistabbilixxi ruħha f'żona, ikun ferm diffiċli biex tiġi kkontrollata u jekk din tkun introdotta fil-gżejjer Maltin bil-preżenza ta' xi vetturi, din tinfirex b'mod rapidu minħabba ċ-ċokon tagħna.

Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti fi ħdan id-Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja u s-Saħħa tal-Pjanti, taħt is-Segretarjat għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, qiegħed preżentament għaddej b'kampanja edukattiva u ta' għarfien.

Il-Programm ta' Stħarriġ dwar il-Pesti tal-Pjanti tal-UE għall-2016 ġie approvat f'Jannar ta' din is-sena b'baġit totali ta' € 187,000. Minn dan il-baġit is-somma ta' € 50,000 saret disponibli għall-kontinwazzjoni tal-kampanja ta' informazzjoni u għarfien biex titqajjem kuxjenza dwar il-Xylella Fastidiosa.

Din il-kampanja hija mmirata għall-vjaġġaturi bl-iskop prinċipali li tavżahom fuq ir-riskji ta' meta wieħed iġib lura miegħu id-dar pjanti u materjal ieħor ta' pjanti, u dan għaliex jista' jkun qed jinġarr bosta mard tal-pjanti, anke fin-nuqqas ta' sintomi viżibli.



Waqt il-konferenza s-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes saħaq li ta' min wieħed ifakkar illi l-marda tas-siġar taċ-ċitru Citrus Tristeza kienet daħlet ġewwa l-gżejjer tagħna permezz ta' vjaġġatur li kien qed iġorr miegħu cutting taċ-ċitru li kienet irriżultat infettata. B'konsegwenza ta' dan, kellhom sfortunatament jitqaċċtu u jinħarqu mijiet ta' siġar taċ-ċitru ġewwa Għawdex sabiex jiġi kkontrollat it-tixrid ta' din il-marda. Għaldaqstant din il-kampanja nħolqot propjament biex tħeġġeġ il-vjaġġaturi biex ma jieħdux riskji meta jdaħħlu f'pajjiżna pjanti li ma jkunux għaddew mill-kontrolli uffiċċjali tas-Saħħa tal-Pjanti u li ma ġewx iċċertifikati ħielsa mill-mard. Fortunatament il-Xylella fastidiosa għadha m'hiex preżenti ġewwa l-gżejjer Maltin u dan id-Direttorat qiegħed iwettaq ħidma kontinwa biex jassigura li dan ma jseħħx, permezz ta' diversi spezzjonijiet kemm f'għelieqi, ġonna, żoni pubbliċi u fuq xtieli użati għat-tħawwil. Qiegħda issir ukoll sorveljanza fil-port minn fejn jidħlu passiġġieri u karozzi bil-Katamaran ġejjin dirett mill-Italja.

Fix-xhur li għaddew, id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti ipproduċa filmat li ntwera fuq stazzjonijiet ewlenin lokali fejn beda jwassal dan il-messaġġ edukattiv u nformattiv b'mod viżwali, u qed ikompli jsaħħaħ din il- kampanja billi nħoloq it-tieni filmat sabiex jintwera wkoll fuq it-televiżjoni lokali sa l-aħħar tas-sena.

Ta' min wieħed isemmi l-introduzzjoni tal-karattru 'Xylellu' li qiegħed jintuża sabiex jitwassal dan il-messaġġ ta' x'wieħed għandu jagħmel biex ma jħallix lil Xylella fastidiosa tidħol ġewwa l-gżejjer tagħna. Dawn iż-żewġ filmati qegħdin jintwerew ukoll fis-swali taċ-ċinema lokali bl-iskop tintlaħaq kemm jista' jkun udjenza vasta. Barra minn hekk il-filmati qed jiġu rreklamati b'mod kostanti fuq il-midja socjali Facebook u gazzetti elettroniċi. Qed jintużaw billboards f'lokalitajiet f'Malta u Għawdex biex tkompli tqum aktar kuxjenza fuq ir-riskji li jinħolqu meta wieħed iġib f'pajjiżna pjanti jew biċċiet ta' pjanti.

Propju għaliex din il-kampanja hija mmirata speċifikament lejn il-vjaġġaturi, dan id-Direttorat ippjana sabiex jirriklama ġewwa d-Departures Lounge tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fejn wieħed isib ukoll wkoll fuljetti nformattivi fuq il-batterju Xylella fastidiosa. Slogan li nħoloq għal din il-kampanja huwa "Nibżgħu għall-pjanti tagħna: Inżommu l-mard 'il bogħod minn xtutna".

L-introduzzjoni ta' nsetti u mard ġodda tal-pjanti jistgħu ikunu ta' theddida serja għall-ekonomija kif ukoll għall-bijodiversita' lokali. Għalhekk huwa ferm importanti illi wieħed ma jirriskjax. Għall-iktar informazzjoni wieħed jista' jikkuntattja lil dan id-Direttorat fuq freephone 8007 2310 jew telefon 2292 6535, jew permezz ta' l-imejl plant.health@gov.mt .

# SISTEMA TA' KLASSIFIKAZZJONI TAL-KWALITÀ TAĊ-ĊANGA

Iċ-ċanga kollha li toħroġ mill-Biċċerija Pubblika tiġi klassifikata għall-kwalità, għamla u kontenut ta' xaħam li fiha.

Malta, l-istess bħall-bqija tal-pajjiżi Ewropej, timplimenta sistema ta' klassifikazzjoni tal-laħam taċ-ċanga imsejħa S.E.U.R.O.P. Dan huwa standard, maqbul mill-Kummissjoni Ewropea u l-istati membri u li jistabbilixxi sistema ta' klassifikazzjoni li permezz tagħha wieħed jista' jqabbel il-kwalità tal-laħam irrispettivament minn liema pajjiż, jew ta' liema razza ta' ċanga ikun. Hekk, konsumatur, jekk jixtri biċċa laħam klassifikata S1 jkun jaf li din hija biċċa laħam ta' kwalità għolja: l-ittra 'S' tindika l-kwalità 'Superjuri', waqt li n-numru '1' jindika li ftit li xejn għandha xaħam. Fl-istess ħin, ir-raħħal jitħallas skont il-kwalità tal-laħam li jkun qed jipproduċi, u jkun inkuraġġit itejjeb il-kwalità ta' dan.

Il-klassifikazzjoni issir min persuni mħarrġa apposta, msejħa classifiers, li jagħtu lil kull karkassa l-grad tagħha a bażi ta' diversi indikaturi. Il-Gvern qed jinvesti bis-sħiħ fit-taħriġ ta' dawn. Is-sena li għaddiet, inġiebu Malta, b'ko-finanzjament Ewropew taħt il-Programm għall-Iżvilupp Rurali, żewġ esperti Belġjani li ħarrġu impjegati tal-biċċerija ta' Malta u dik ta' Għawdex fil-klassifikazzjoni. Frott dan it-taħriġ, 12-il impjegat ta' dawn il-biċċeriji ingħataw liċenzja uffiċjali wara li għaddew b'suċċess minn eżami. Din is-sena, intbagħtet persuna f'Ceva (fil-Provinċja ta' Cuneo, qrib Turin), fl-Italja, għal taħriġ estensiv dwar il-klassifikazzjoni flimkien ma' esperti mill-bqija tal-UE.

Iċ-ċanga tiġi klassifikata fuq żewġ l-livelli. L-ittra tindika il-kwalità skont il-forma tal-karkassa u l-ħxuna tal-laħam fil-koxxa, ir-round, u l-ispalla. Il-kwalità hi indikata mill-ittra S (Superjuri), E (Eċċellenti), U (Tajba ħafna), R (Tajba), O (Mhux ħażin), P (Fqira). In-numru jindika l-ammont ta' xaħam li jkollha l-karkassa: 1 (baxx), 2 (ftit), 3 (medju), 4 (għoli), 5 (għoli ħafna).

Il-klassifikazzjoni tkun indikata fuq it-tikketta food grade li tkun imwaħħla ma' kull karkassa li toħroġ mill-biċċerija. Huwa fl-interess ta' min ibiegħ il-laħam li jżomm din it-tikketta u li juri l-kwalità tal-laħam li qed ibiegħ, u fl-interess tal-konsumatur li jkun jaf x'inhu jixtri.

***Dan l-artiklu nkiteb minn Stefan Cachia***

# JEKK MA TISTAX TADDOTTANI, SPONSORJANI!

Jekk ma tistax taddottani, sponsorjani! Hekk kien jisimha l-kampanja mnedija mill-Kulleġġ San Ġorġ Preca, Blata l-Bajda f'kollaborazzjoni mal-AAA. Bis-saħħa ta' din il-kampanja nġabru madwar 300 ewro, li jfisser li ġew sponsorjati għaxart'iklieb mill-AAA.

Għal din l-attività kienu mistiednin is-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Roderick Galdes, il-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali Emanuel Buhagiar u d-Direttur tad-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Annimali, Noel Montebello.

L-attività saret nhar is-26 ta' Ottubru 2016, u matulha, is-Segretarju Parlamentari kellu l-opportunità wkoll illi jippreżenta l-premijiet lit-tfal illi daħlu għall-kompetizzjoni, ċertifikati ta' parteċipazzjoni u ċ-ċertifikati tal-klieb sponsorjati.

Din kienet idea mill-isbaħ u nħeġġu lill-iskejjel kollha sabiex jaħsbu fuqha. Sadanittant, fl-iskejjel kollha tal-Istat qegħdin isiru numru ta' letturi mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali sabiex tkompli titqajjem kuxjenza favur dawn il-ħlejjaq tant għal qalbna.





## AVVIŻ

ID-DIRETTORAT TA' DIVERSIFIKAZZJONI U KOMPETTITIVITA FI ĦDAN IL-MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA, QIEGĦED JIĠBOR INFORMAZJONI BIEX ISIR INVENTARJU TA' DAWK L-INDIVIDWI LI GĦANDHOM/IRABBU IT-TIĠIEĠ SUWED TA' MALTA (MALTESE BLACK). GĦALDAQSTANT, MIN GĦANDU TJUR TA' DIN IR-RAZZA HUWA MITLUB JINFORMA LID-DIRETTORAT FUQ DAN IT-TELEFON:

22924238 JEW FUQ DAN L-EMAIL: DIVERSIFICATION.MDESC@GOV.MT

RAZEZ DOMESTIĊI MALTIN

# TJUR MALTIN

Minn minndu bdejna niġbru l-informazzjoni fuq razez domestiċi Maltin u l-aktar razez magħrufa bħalma hi t-tiġieġa Maltija, bdejna niltaqgħu ma' diversi forom li għal bosta delettanti huma meqjusin bħala annimali tal-lokal. Għalkemm għaddejjin diversi studji fuq dawn ir-razez li qed jissemmew f' dan ix-xogħol, għadhom mhumiex kollha deskritti xjentifikament bħall ma huma il- hammiem ta l' ohxon u is- summien li diġa ktibna fuqhom. Madankollu hemm ħafna evidenza li turi li dawn it-tjur huma tassew Maltin u li, bħal kull razza oħra, oriġinaw minn razez li xi darba iddaħħlu Malta. Xi wħud huma riċenti filwaqt li oħrajn huma antiki u llum nistgħu ngħidu li huma estinti u msemmijin hawn biss għall-fini ta' dokumentazzjoni għax l-awturi semgħu bihom minn ħafna delttanti anzjani iżda qatt ma kellhom l-opportunità jistudjawhom. Din hi l-ewwel parti ta' dan l-artiklu.

## IL- PAPRA TAL-LARINĠ

Tisma' ħafna dilettanti isemmulek din il-papra. Fiż-żmien il-ħamsinijiet din il-papra kienet diġà naqset ġmielha u filwaqt li hu msemmi li fl-antik din il-papra kienet komuni, sas-sebgħinijiet din kienet biss għasfur tal-wirja. L-awturi qatt ma raw din il-papra li hi deskritta bħala tip ta' Indian runner, allura jassumu li kienet razza mill-ispeċi ta' kuluvert imma ferm iżgħar u ma jistgħux jikkonfermaw jekk kinitx xi forma lokali jew xi razza barranija li ġiet imlaqqma isem Malti bħal ma ġara għal diversi tjur oħra.

## ID-DUNDJAN MALTI

Jissemma ħafna minn produtturi Maltin iżda l-awturi s'issa qatt ma sabu eżemplari li jaqblu mad-deskrizzjoni ta' din il-forma u kif isemmi Aquilina f'artiklu tiegħu, qatt ma sar riċerka fuqu. Id-dundjan Malti hu deskritt bħala tajra żgħira meta kkumparat ma' razez tipiċi ta' dundjan, mimli mhux ħazin bħala laħam u ta' kulur ċar. Huwa baxx bħala dundjan u b'ħafna inqas rix folt. Probabli din il-karatteristika hi biex iħoss inqas sħana. Kien komuni aktar lejn in-nofsinhar ta' Malta sa ftit wara t-tieni gwerra dinjija.



## VERDUN MALTI TAL-GAĠEĠ

Il-verdun selvaġġ tal-passa jinqabad regolarment fil-gżejjer Maltin u jinżamm fil-magħluq. Hemm iktar ċans li ssibu fil-magħluq. Wara ħafna generazzjoniet ġewwa, il-qagħda tiegħu nbidlet u hawn ħafna min ifittex din ir-razza domestika. Ir-raġuni hi li dawn l-għasafar huma aktar mansi u jgħannu ferm iktar fil-magħluq u huma wkoll aħjar għat-tkattir. Id-differenza primarja morfoloġika hi li dan it-tip ta' verdun huwa akbar minn dak selvaġġ, għandu dahru aktar kannelli u l-isfar ta' sidru jgħajjat inqas minn dak tal-verdun selvaġġ. Dan il-verdun hu frekwenti f'pajjiżna u magħruf lokalment biss imma sfortunatament illum jintuża mhux biss biex jitħallat mal-vrieden slavaġ li oriġina minnhom iżda anke ma' razez barranin. Li hu interessanti iżda hu li jekk il-vrieden ta' barra minn xtutna jitħalltu ma' dak domestiku, id-demm għandu tendenza jiġbed lejn il-karatteristiċi tal-Maltin u jekk maż- żmien ma jkunx hemm aktar taħlit ta' demm, il-popolazzjoni fil-magħluq tiġbed lejn il-verdun Malti tal-gaġeġ. L-istess fenomenu narawh fil-każ tal-fenek selvaġġ u tax-xiber.

## IL-BIXWEJKA

Filwaqt li nafu li t-tiġieġa ta' Malta (Black Maltese) hi probabilment riżultat ta' grupp ta' tiġieġ pur barrani u ta dak ippastardjajt lokali li ġie magħżul artifiċjalment u ħa l-qagħda tiegħu fl-hamsinijiet, il-Bixwejka (magħrufa wkoll bħala t-tiġieġa estinta ta' Malta) kienet teżisti ħafna qabel u nafu biha biss mill-anzjani delettanti ta' llum li jiftakru lin-nanniet tagħhom jirrakuntaw dwarha. L-awturi jikkalkulaw li din ir-razza kienet ġa nqerdet matul it-tieni gwerrra dinija, u qed jagħmlu attentat li jiddokumentawha hawnhekk minħabba n-numru kbir ta' nies anzjani li jiddeskrivuha bl-istess mod u allura hemm ċans kbir li din ir- razza veru kienet teżisti. Il-bqija ma nafu bl-ebda eżemplari eżistenti u m'għandniex provi oħra, bħal per eżempju xi ritratti jew tajr ibbalzmat. Din it-tiġieġa kienet id-daqs tat-tiġieġa tal-lum, magħrufa bħala tal-kina. Kienet ittir sew għax kienet ħafifa, tikber malajr u tbid frekwenti allura kienet tajba għall-mara tad-dar għax kienet sors tajjeb ta' laħam u bajd. Kienet tiġieġa pjuttost misluta u l-kulur kien kannelli fl-isfar eżatt bħal dak tal-fenek selvaġġ li jinsab l-iktar fuq Kemmuna llum il-ġurnata. Nisperaw li 'l quddiem inkunu nistgħu nagħtu aktar informazzjoni fuq din ir-razza.

*Għal aktar informazjoni nheġġiġkhom iżżuru https://www.facebook.com/Columbatopia.*

*Hajr lil Angelo Mifsud, Melcior Debono, Philip Aquilina, Noel Grech u Frans Magro ta' informazjoni li għadewna fuq dawn il razez.*
*Dan l-artiklu nkiteb minn: Arnold u Jeffrey Sciberras, Ricerkaturi fuq il Biodiversita'*

# IŻ-ŻAGĦFRAN

Iż-żagħran, bl-ingliż Saffron huwa ingredjent li jintuża biex iħawwar u jagħti kulur ir-riċetti tagħna. Jintuża f'ammonti żgħar ħafna għax anke il-ftit jagħmel differenza kbira. Il-prezz tiegħu huwa l-ogħla mil-ħwawar kollha fid-dinja. Kien hemm żmien li piż bil-piż kien jiswa daqs id-deheb. Bir-raġun li hawn min isejjaħlu id-deheb l-aħmar. Imma wieħed jistaqsi il-għala iż-żagħfran jiswa daqshekk. La naraw x-xogħol li hemm wara dan il-prodott wieħed forsi jifhem aħjar. F'dan l-artiklu ser insiru nafu il-pjanta wara dan il-prodott u il-proċess tat-tkabbir mil-art sal-mejda.

## IL-PJANTA

L-isem xjentifiku taż-żagħfran huwa Crocus sativus u jagħmel parti mil-familja Iridaceae. Ma teżistix fl-istat naturali imma kien il-bniedem li nissilha u kattarha biex inxterdet mil-Asja sa l-Ewropa u l-Afrika ta' Fuq fejn illum titkabbar b'mod kummerċjali. Sa llum għadu ħadd ma jaf eżattament mil-liema żewġ pjanti naturali ta Crocus ġiet imnissla. Illi hu żgur illi l-ibridu li tnissel huwa sterili u ma jagħmilx żerriegħa. Titnissel biss permezz ta basla (preċiżament corm) li jfaqqsu mil-pjanta omm taħt il-ħamrija fl-istaġun veġetattiv. Mil-basla toħroġ rimja mgħottija b'saff protettiv li jgħinha taqsam il-wiċċ tal-ħamrija. Mir-rimja joħorġu il-weraq li huma rigi irqaq qishom taż-żnuber li jitwalu sa anke pied sa l-aħħar ta l-istaġun, kif ukoll il-fjura. Il-fjura fiha sitt petali ta' lewn vjola. F'nofs il-fjura insibu il-parti maskili; tlett anteri ta' lewn isfar, u l-parti femminili; tlett stigmi li mil-qalba tal-fjura jkunu bojod, imbagħad lejn it-tarf tagħhom isiru ta' lewn aħmar skur. Il-prodott illi jintuża għal ikel huwa biss dawn it-tlett filamenti ħomor illi wara li jitnixxfu; jew jiġu ippreservati sħaħ jew inkella jintaħħnu. Ta'l-ewwel huwa milqugħ aħjar mil-konsumatur għax hemm inqas lok illi il-prodott jiġi miżjud bi ħwawar oħra irħas bħal turmeric u paprika. Biex wieħed jieħu idea, biex tipproduċi kilo ta' prodott finali hemm bżonn ta madwar 150,000 fjura.



## METODU TAT-TKABBIR

Il-proċess tat-tkabbir jibda għal ħabta ta' Ġunju meta il-basal jinqala mil-art u jitnaddaf mis-saffi ta barra żejda għajr l-aħħar saff. Hawn jintgħażlu skond id-daqs u jitwarrbu dawk li jkunu milquta jew fihom xi sinjali ta' tmermir. Id-daqs idejali tal-basal li għandhom jintużaw għal produzzjoni huwa minn żewġ centimetri dijametru 'il fuq. Il-basal l-irqiq għandu jitwarrab u jitħawwel f'imxietel għalih waħdu sakemm jilħaq il-qies mixtieq. Il-basal għandu jitgħabbar bit-trab tal-kubrit bħala protezzjoni minn xi spori tal-mofof u jinħażen f'kaxxi fid-dlam fejn l-arja tgħaddi sewwa. Ma irridux ninsew li il-basla hija organizmu ħaj. Kif joqrob Settembru nistgħu naħsbu biex inqegħduh fl-art. Għandu jitħawwel f'madwar 15 il-ċentimetru fond, u bejn basla u oħra inżommu tlett ċentimetri u nofs metru minn indana għal oħra. Ovvjament fil-bagħli irridu nistennew l-ewwel xita biex dan jinbet imma fis-saqwi jista jingħata tisqija. Ta min wieħed jinnota illi bħala pjanta ma jridx ħafna ilma, anzi raba' mistagħdar ma jgħoddx għalih. Wara xahar mil-ewwel xita jew l-ewwel tisqija bejn wieħed u ieħor Ottubru/ Novemrbu nistennew l-ewwel fjuri. L-aħjar huwa li il-fjuri jinqatgħu fl-ewwel dawl qabel ma jiftħu u jitpoġġew ġo qfief u ma jitgħafġux. Ġaladarba inkunu lesti mil-qtugħ tal-fjuri ġo post nadif ngħaddu għat-tieni fażi tax-xogħol. Hawn naqbdu il-fjura waħda waħda, naqsmuha, u nieħdu il-parti il-ħamra minn ġo nofsha. Il-parti safra u l-petali vjola ġieli jitnixffu ukoll u jintużaw għal skopijiet ornamentali. Mit-tlett iħjut ħomor trid tinżamm biss il-biċċa ħamra ta fuq u l-biċċa bajda ta' taħt għandha titneħħa ukoll. Dawn għandhom jitpoġġew fuq karta strazza f'post għal arja biex jinxfu. Wieħed jinduna li nixfu biżżejjed għax il-kulur jiskura ħafna. Wara għandhom jinħażżnu ġo kontenitur li jingħalaq sewwa f'post mudlam. Bħal ħafna ikel ieħor ippriservat kemm id-dawl kif ukoll l-arja huma żewġ elementi illi jnaqqsu il-kwalita. Il-pjanta tibqa tikber sar-Rebbiegħa ta wara sakemm din tinxef b'mod naturali u fil-ħamrija terġa tifforma basla jew basal oħrajn. F'dan il-punt wieħed jista jaqla l-basal jew iħallih hemm għas-sena ta' wara. Fl-Italja jinqala' kull sena, fi Spanja kull tlett snin imma fl-Iran jaqilgħuh darba kull ħmistax il-sena. Bħala għedewwa iż-żagħfran ma għandux ħafna għajr il-mofof. Noqgħodu attenti ukoll għal bebbux li għandu ħabta jiekol l-ewwel rimja illi hija importanti għax ikun fiha ukoll il-fjuri. Għad-dilettanti tal-pjanti, iż-żagħfran jista jitkabbar fuq skala żgħira għal konsum tad-dar. Dan nistgħu inkabbruh ukoll fil-qsari u nsegwu l-istess proċess. Noqgħodu attenti meta nixtru l-basal li jkunu basal tal-Crocus sativus u mhux xi speċi oħra tal-crocus, li minnhom jeżistu ħafna, illi jintużaw biss għas-sbuhija tal-fjura.



*Dan l-ariklu nkiteb minn Alden Grima Uffiċjal Agrikolu fit-Taqsima Festi Rurali*

# IL-MANJIRI TAR-RAĦĦAL U L-ISTRESS FIL-BHEJJEM

Li-stress fil-bhejjem tat-trobbija huwa kawża ta' ħafna mil-problemi li jkollna fil-merħliet tagħna. Apparti li joħloq ħafna problemi li-stress inaqqas il-produzjoni tal-bhejjem li ovjament ifisser f'inefficjenza globali tal-merħla li finalment tirrifletti tnaqqis mil-profit tar-razzett.

Fis-sistemi ta' trobbija konvenzjonali l-bhejjem ikunu taħt stress kontinwu bejn ħabba l-kundizzjonijiet li jkunu mizmuma, bejn tensjoni li jkun hemm bejn il-bhejjem innifishom f'termini ta' ħajarkija fil-merħla, u bejn il-manjiri tar-raħħal innifsu. Sfortunatament, l-aħħar fattur ma tantx jigi ikkunsidrat mir-raħħala u ħafna mid-drabi dan iwassal għal stress żejjed fil-merħla. Avolja ħafna mid-drabi dan ma jkunx intenzjonat xorta waħda jwassal għal stress fil-merħla.

Ir-raħħal irrid jifhem li l-annimal jgħix bl-istint tiegħu u m'humiex kapaci jirraġunaw bħalna il-bnedmin. L-annimal huwa kapaci jaħseb ta' annimal li hu u mhux ta' bniedem! Mhux qiegħed ninsinwa li l-annimali m'humiex inteliġenti, anzi xejn affattu! L-annimali huma tant inteliġenti li huma kapaci jireaġixxu magħna l-bnedmin skond kif inġibu ruħna magħhom aħna. Għaldaqstant huwa dmir tagħna l-bnedmin li nifmhu lilhom u mhux il-kuntlarju. M'għandniex għalfejn inmorru ħafna l-bogħod biex nifmhu dan. Jekk inħarsu lejn kelb ubbidjenti malajr nindunaw li hemm komunikazzjoni tajba bejnu u bejn sidu għas-semplici raġuni li sidu kien kapaci jifhem lil kelb tiegħu biex irnexxilu jgħalmu dik l-ubbidjenza. U dan jogħod għal kul tip ta' annimal ieħor. Huwa fundamentali li nifmu li kul tip ta' annimal għandu il-psikologija skond l-ispeci tiegħu, jiġifieri ma nistgħu qatt nippretendu li metodu ta' komunikazzjoni ma kelb se jkun effettiv ma nagħġa, għaliex dawn huma annimali ta' natura totalment differenti li għandhom bżonnijiet, atitudni, u livel ta inteliġenza differenti. Iva, sewwa qed taqra, psikoloġija! L-annimali jistgħu ibgħatu bi stress psikologiku u anki b'depression bħalna l-bnedmin iżda ovjament is-sintomi huma differenti.

Meta bhima tkun aġitata l-atteġġament tagħha jista jkun wieħed minn dawn it-tlieta: taħrab, tiġġieled jew tibbalzma (flight, fight or freeze). Infatti meta jibżgħu hekk jgħamlu, jew jaħarbu minnek, jew jeħlu f'post u ma jkunu jridu jiċċaqalqu b'xejn. Mentri jekk li-stress jibqa tiela bħala l-aħħar riserva jattakaw lura.Huwa fat li l'istess bhejjem, fl'istess ambjent, u fl-istess kundizzjonijiet iġibu ruħhom differenti ma' individwi differenti għaliex l-imġiebgħa tagħhom tirrifletti l-imġieba tal-individwu. Eżempju ċar ta dan huwa li l-bhejjem ikunu kalmi ħafna meta jkunu ma individwu kalm, u ezatt bil-maqlub, ikunu imgerxa, imbeżżgħa, nervużi jew ħorox ma individwi b'atteġament aħrax. Jekk wieħed jagħraf jaħdem b'ċertu attenzjoni u b'kalma il-bhejjem jindunaw li m'hemmx periklu u jibdew irrabbu ċertu kunfidenza miegħu u allura ma jħarsux lejh bħala tgħeddieda u jżommu ruħhom kalmi u mingħajr il-bżonn li jisstresjaw li jirriżulta f'aktar produzzjoni ta' ħalib pereżempju. Mil-banda l-oħra, jekk l-individwu joqgħod jgħajjat, ikun nervuż, jgħamel muvumenti mġħaġġla u jkollu atteġamenti goffi, il-bhejjem se jibdew jisstresjaw ruħhom u jkunu imgerxa, imbeżżgħa, aġitati, u ġieli anki agressivi għaliex il-messaġ li jkunu qed jieħdu mingħand dan l-individwu huwa ta' tgħeddida, u ovjament il-produzzjoni tinżel drastikament.

Bħala konklużjoni ta' dan l-artiklu nixtieq li wieħed jifhem li l-bhejjem verament ibagħtu minn stress psikologiku, u aktar ma nipruvaw ninżlu għall-livel ta' l-annimal inkunu nistgħu nifmuhom aktar u inkunu qed nibbenefikaw kemm aħna u kemm huma.



*Apparat li jintuża biex l-majjali jiġu aljenati milli jigdmu dnieb xulxin*

*Dan l-artiklu nkiteb minn Philip Aquilina Uffiċjal Agrikolu Anzjan fi hdan is-Sezzjoni tal-Annimali*

# SPEĊI KARIŻMATIĊI TAL-BAĦAR U S-SAJD

## X'INHUMA SPEĊI KARIŻMATIĊI?

Speċi karizmatiċi huma dawk l-ispeċi li l-pubbliku ġenerali jkollu nteress fihom. Dan il-fattur jintuża' biex dawn l-ispeċi flimkien ma' oħrajn iqajmu interess fuq il- bżonn li jiġu mħarsa. Fid-dinja marittima dawn jinkludu fkieren, dniefel, għasafar tal-baħar u anka klieb il-baħar.

## L-ISPEĊI KARIŻMATIĊI MARITTIMI U MALTA

Il-baħar tal-Mediterran huwa magħruf għall-bijodiversita marittima tiegħu. Fl-ibħra Maltin insibu ukoll diversi speċi ta' tjur u fkieren tal-baħar, flimkien ma' dniefel (parti mill-familja taċ-ċetaċji, li jinkludu l-baleni).

F'Malta ġew irrappurtati total ta' ħames speċi differenti ta' fkieren tal-baħar. L-iktar speċi komuni li niltaqgħu magħha fl-ibħra Matin hija l-'loggerhead turtle' (Caretta caretta); infatti bil-Malti din insejħulha l-fekruna komuni, u hija l-unika speċi ta' fekruna tal-baħar meqjusa bħala membru tal-fawna Maltija. Lemħiet ta' din il-fekruna f'Malta huma rrappurtati matul is-sena kollha, speċjalment fis-sajf bejn Ġunju u Settembru, meta numru kbir ta' sajjieda jkunu għas-sajd tal-pixxispad, tonn u lampuki.

It-tmien speċi ta' ċetaċji komuni fil-Mediterran huma ukoll komuni fl-ibħra ta' madwar Malta, fosthom d-delfin komuni (Delphinus delphis) u d-delfin geddumu qasir (Tursiops truncates). Dan jista' jkun parzjalment attribwit minħabba l-pożizzjoni ġeografika tal-gżejjer Maltin f'nofs il-Mediterran, fejn Malta tifforma parti mill-kanal li jgħaqqad in-naħa tal-punent man-naħa tal-Ivant tal Mediterran.



Il-gżejjer Maltin jattiraw numru kbir ta' għasafar li jpassu bejn l-Afrika u l-Ewropa fil-vjaġġ tagħhom fir-rebbiegħa u fil-ħarifa. Malta tospita speċi ta' għasafar waqt li jkunu qed ipassu u qabel ma' jbejtu. Fl-arċipelagu Malti insibu 50% tal-popolazzjoni dinjija tas-sottospeċi Mediterranja tal-kanġu ta' Filfla (Hydrobates pelagicus melitensis), 10% tal-popolazzjoni dinjija tal-garnija (Puffinus yelkouan), u 3% taċ-ċief (Calonectris diomedea diomedea), li għandu importanza globali.



## L-IRWOL TAS-SAJD FIR-RIGWARD TA' L-ISPEĊI KARIŻMATIĊI

Fir-rigward tas-sajd, hemm impenn internazzjonali fi ħdan il-GFCM (Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran) u li Malta tagħmel parti biex meta dawn l-ispeċi jinqabdu bl-irkaptu tas-sajd b'mod inċidentali, dawn jinħelsu fil-pront ħajjin u mingħajr ma ssirilhom ħsara.

Malta wkoll ħadet impenn biex tiġi miġbura informazzjoni dwar dawn l-ispeċi waqt ix-xogħol tas-sajd hekk kif mitlub mill-ftehim internazzjonali, li ġew addottati fir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant qabdiet inċidentali ta' fkieren, għasafar tal-baħar, dniefel, u klieb il-baħar għandhom jiġu mniżżla minn kull sajjied waqt li jkun għaddej fuq il-lant tax-xogħol tiegħu. Din l-informazzjon tgħin sabiex ikun hemm għarfien fuq il-konservazzjoni ta' dawn l-ispeċi.

Barra minn hekk, fuq inizzjattiva tagħhom stess, is-sajjieda qed jieħdu miżuri biex jevitaw dawn il-qabdiet bħal, per eżempju, jkalaw il-konzijiet mill-ġnub flok minn wara u jużaw lixka li mhux friżata, biex din tegħreq mill-ewwel u tnaqqas ir-riskju li għasafar tal-baħar jinżlu għaliha u jispiċċaw midruba.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Hazel Farrugia, Uffiċjal xjentifiku fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura*

# TQEGĦID TA' NASES GĦALL-MONITORAĠĠ U L-PREVENZJONI TAL-MARDA

# 'PINE WILT DISEASE' IKKAWŻATA MILL-'PINE WOOD NEMATODE'

Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti ilu għal dawn l-aħħar snin jipproteġi l-għejjer Maltin mill-introduzzjoni tal-'Pine Wood Nematode'.

Il-'Pine Wood Nematode' magħruf bl-isem xjentifiku ta' Bursaphelenchus xylophilus, huwa l-kawża tal-'Pine Wilt Disease'. Dan in-nematodu huwa organiżmu mikroskopiku li jagħmel ħsara lis-siġar taż-żnuber u nsetti ta' l-ispeċi Monochamus galloprovincialis jistgħu jġorru dan l-organiżmu. Il-'Pine Wood Nematode'oriġina fl-Amerika ta' Fuq minn pajjiżi bħal Messiku, l-Istati Uniti u l-Kanada. Il-preżenza tal-marda kkawzata minn dan in-nematodu instabet ukoll fil-foresti tal- Ġappun fejn ikkawżat devastazzjoni u nfirxet għaċ-Ċina, l-Korea u t-Tajwan. Kien fl-1999 li l- 'Pine Wood Nematode' instab fil-Portugall u ġie rrapurtat fi Spanja fl-2008.

Dan in-nematodu jinstab primarjament fuq speċi ta' Pinus li jinkludu s-siġar taż-żnuber, filwaqt li l-injam ta' dawn l-ispeċi jista' jservi għall-iżvilupp ta' dan in-nematodu. Fil-fatt, l-ispeċi Pinus huma l-aktar suxxettibli għal din il-marda. Pero' l-lista tinkludi wkoll speċi oħrajn bħal Abies (European Silver Fir), Chamaecyparis (Ċipress), Cedrus (Ċedru), Larix (European Larch), Picea (Spruce) u l-Pseudotsuga (Douglas Fir) u l-injam u l-qoxra tal-koniferi kollha, ħlief it-Thuja (Ċedru abjad/aħmar).

L-ewwel sintomi li jindikaw il-preżenza ta' dan l-organiżmu jinkludu sfurija u dbiel tal-weraq, li finalment iwasslu għall-mewt tas-siġra. Id-dbiel jista' l-ewwel jidher fuq fergħa waħda biss, iżda eventwalment jinfirex mas-siġra kollha.

Fost l-attivitajiet u l-obbligi tad-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti, dan iwettaq spezzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' njam u siġar impurtati minn pajjiżi terzi, kif ukoll importazzjoni mill-Ewropa minn ġewwa l-Portugall u Spanja. Propju għal dan il-għan, id-Direttorat nieda stħarriġ u monitoraġġ bl-użu ta' nases biex jikkontrolla l-preżenza tal-insetti ta' l-ispeċi Monochamus galloprovincialis, li kif diga' għidna jistgħu jġorru dan l-organiżmu. Dan id-Direttorat poġġa nases hekk kif qed jidhru fir-ritratt f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex, fejn hemm massa ta' siġar taż-żnuber, kif ukoll fil-portijiet u l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Dawn in-nases li ddendlu fl-għoli mas-siġar fihom sustanzi li jattiraw il-Monochamus. Importanti li wieħed jgħid illi din il-kimika ma hi ta' l-ebda periklu għan-nies, għasafar, annimali, kif ukoll l-ambjent.

Pero' din il-kimika m'għandhiex tintmiss u għandha tibqa' fin-nassa.

Fortunatament, sal-lum dan in-nematodu għadu qatt ma nstab ġewwa pajjiżna waqt monitoraġġ imwettaq mid- Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti. Il-moniteraġġ jitwettaq permezz ta' nases speċjali li jitpoġġew apposta fl-imsaġar madwar Malta u Għawdex hekk kif diga' ssemmejna. Sabiex titkompla l- ħidma favur il-ħarsien tal-pjanti tagħna, dan id-Direttorat qiegħed javża u ġentilment jitlob lill-pubbliku għall-għajnuna u koperazzjoni sħiħa, biex dawn in-nases jitħallew fil-post u ma jiġux vandallizzati jew misruqa. Fil-każ li sfortunatament jiġi nnutat dan, wieħed huwa ġentilment mitlub li jikkuntattja lid-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti fuq in-numru 22926535, freephone 80072310 jew permezz tal-imejl fuq plant.health@gov.mt.



Monochamus Galloprovincialis



Nassa mdendla ma' siġra taż-żnuber

*Dan l-artiklu nkiteb minn Simone Galea , Assistent Prinċipal fi ħdan id-Dipartiment tas-saħħa tal-Pjanti*

# ROKNA GĦAT-TFAL

Claire Cauchi

# SIĠRA TAL-MILIED

## KIF INTOM TFAL?

Reġa wasal żmien il-Milied, żmien ta' mistrieħ u ferħ fejn ingawdu mal-familjari u ħbieb tagħna. Għal dan iż-żmien ħsibna li tkun ħaġa sabiħa jekk fir-rokna tagħkom ninkludu xi krafts li tistgħu tagħmlu flimkien ma ħutkhom jew xi ħbieb tagħkom, għalhekk hawn taħt se nurukhom kif tagħmlu siġra tal-Milied magħmula mill-prinjol li nsibu fis-siġar taż-żnuber.

### AFFARIJIET LI GĦANDKHOM BŻONN

- PRINJOL (IKTAR MA JKOLLKHOM IKTAR AĦJAR)
- KARTONĊINA KANNELLA
- KARTONĊINA MAQTUGĦA FIT-TOND B'DIJAMETRU TA' TLETIN CENTIMETRU
- TEJP
- GAZZETTI
- KOLLA
- FTIT DWAL TAL-MILIED(FAIRY LIGHTS)

Kif tgħaqqad l-affarijiet kollha li għandek bżonn, issa jkun imiss li nibdew nippreparaw din is-siġra.

Nibdew billi naqbdu l-kartonċina u nagħmluha forma ta' lembut. Waħħal it-truf tagħha bit-tejp u imliha bil-gazzetti mgħaffġin. Kif tlesti dan, poġġiha fuq il-kartonċina t-tonda (li tkun preparajt minn qabel) u waħħal it-tejp bejn il-lembut u l-kartonċina t-tonda sakemm tkun soda biżżejjed biex tkun tista' toqgħod wieqfa. Fl-istampa t'hawn taħt għandek issib kif tagħmel dan li għadni kif sevmmejt.



Meta tlesti il-bażi, issa jkun imiss li twaħħal il-prinjol mal-kartonċina halli nibdew nibnu din is-siġra. L-aħjar li kull saff ikollu direzzjoni bil-kontra ta' l-ieħor sabiex timlew il-vojt kollu u l-kartonċina ma tibqax tidher. Irreferu għall-istampa t'hawn taħt biex taraw eżatt kif għandhom jitwaħħlu.

Kif ikollkhom is-siġra lesta tistgħu iżżejnuha b'ħafna modi differenti. L-iktar wieħed faċli huwa li ddawrilha xi tip ta' dwal u tixgħela. Mod ieħor hu li tuża xi 'glitter glue' u tgħaddih minn fuq it-trufijiet tal-prinjol biex jiġu jkanġu b'kuluri differenti, jew inkella tista' tizbogħ it-truf b'xi ftit żebgħa bajda biex tiġi qisha waqgħat il-borra.



### KOMPETIZZJONI:

Irbaħ ktieb ġentilment mogħti lilkom mingħand " Merlin Library" billi twieġeb din il-mistoqsija?

**Semmi tip wieħed ta' ħelu tradizzjonali Malti għal żmien Milied?**

merlin library
Mountbatten Street, Blata l-Bajda | Bisazza Street, Sliema
T. 21234438 | mail@merlinlibrary.com
www.merlinlibrary.com | facebook.com/merlinlibrary

Ibgħatu tweġibiet tagħkom flimkien ma' isem u kunjom, data tat-twelid, indirizz tad-dar, indirizz eletroniku u numru tat-telefon lill-Kompetizzjoni Nisġet Artna, Taqsima Festi Rurali Ċentru ta' Riċerka u l-Iżvilupp L-Għammieri, Triq l-Ingiered Il-Marsa, MRS 3303.

It-tweġibiet tagħkom għandhom jaslu sal-20 ta' Jannar 2017. Din il-kompetizzjoni hija miftuħa għal tfal mhux akbar minn 12 -il sena.

# MARMALADE

## BIL-LARING TAL-BAKKALJAW

*Alden Grima*

Reġġhet qorbot ix-Xitwa u magħha jibda jilħaq il-larinġ lokali ta' Malta. Bla dubju dan il-prodott hu magħruf u mfittex sewwa mal-kunsumatur Malti. Ma nistgħux ngħidu l-istess għal-larinġ tal-bakkaljaw, li peress illi huwa qares ħafna, ma jittikielx, u ħafna drabi jitħalla fis-siġar jaqa' taħthom. Fl-antik is-siġar tal-bakkaljaw kienu jintużaw biex fuqhom jitlaqqmu il-varjetajiet l-oħra tal-larinġ. Illum ħadd ma għadu jħawwilhom imma għad fadal numru ġmielhom speċjalment fil-masġar tal-Buskett. Metodu ta kif dawn jistgħu jiġu ikkunsmati huwa il-marmalade. Huwa proċess faċli ħafna u ta' sodisfazzjon. Barra minhekk hu ġest sabiħ meta jingħata bħala rigal.

## IL-PROĊESS

### GĦODDA

Bħala għodda għandna bżonn bieqja kbira u oħra żgħira, mgħasar tal-larinġ,passatur/għarbiel fin, borma imdaqqsa u oħra żgħira, xi tminn važetti tal-ħġieġ, lembut b'għonq wiesa biex nimlew il-važett u kuċċarun.

### INGREDJENTI

Kilo larinġ tal-bakkaljaw
Żewġ litri ilma
Żewġ kilos zokkor



## MEDTODU

Il-proċess jinqasam fuq jumejn. Fl-ewwel jum nippreparaw il-frott u l-għada insajruh. Peress illi il-prodott ser jinħażen fit-tul huwa importanti ħafna illi nżommu l-indafa. L-ewwel naqsmu il-frott minn nofs u ngħasruh. Il-meraq nixħtuh fil-bieqja il-kbira. Hekk magħsur, il-qxur nerġgħu naqsmuh minn nofs u inneħħu il-parti il-bajda u ż-żerriegħa u npoġġuhom fil-bieqja iż-żgħira u nżidu ftit mil-ilma kemm ngħattuhom. Dawn għandna bżonnhom peress illi jerħu ħafna pektina illi tgħin il-marmalade jgħaqad sewwa. Il-qoxra imnaddfa nistgħu jew inqatgħuha biċċiet żgħar jew fi strixxi skond kif wieħed jiggosta.

Nistgħu ukoll inħalluha sħiħa imbagħad nitħnuha wara li tissajar, u jkollna prodott finali mingħajr biċċiet ta qoxra. Il-qoxra titpoġġa ġol-bieqja il-kbira flimkien mal-meraq u nżidu il-kumplament ta l-ilma u nħalluhom hekk jixxarbu min ewl il-lejl.L-għada nibdew biex insajru il-qxur tal-larinġ . Inqegħduh fuq in-nar u nħalluh għal madwar siegħa u nofs. Fil-borma iż-żgħira inqegħdu iż-żerriegħa u l-ġewwieni tal-larinġ fuq in-nar. Minnu suppost ikun ħareġ likwidu traparenti qisu jelly.

Jekk ikun hemm bżonn inżidu naqra ilma oħra. Kif il-qoxra issir ratba biżżejjed, ngħaddu il- kontenut tal-borma iż-żgħira mil-passatur għal borma il-kbira kif ukoll iz-zokkor u nħawwdu sewwa. Kif jerġa jiftaħ jgħali irridu li jilħaq il-104 gradi celcius. Għal min ma għandux termometru taz-zokkor jista jaqbad ftit mit-taħlita u jqegħda fuq plattina u jqegħda fil-friza għal ftit minuti. Jekk meta jiksaħ ikun magħqud il-marmalade ikun lest. Sadanittant nilħqu inlestu il-važetti u l-għtjien.

Dawn wara li naħsluhom inqegħduhom ġol-forn f'temperatura ta 150 grad celcius għal għaxar minuti. Kif ikun għadhom jikwu il-važetti ngħaddu għal mili. Nimlewhom ftit inqas mix-xifer għax meta jiksaħ il-marmalade jespandi naqra u ngħalqu bl-għotjien. Hekk kif jibirdu wieħed jibda jinnota illi il-likwidu jibda jgħaqad. Wara inwaħħlu it-tikketta u niktbu id-data tal-ġurnata. Jekk wieħed ikun metikoluż fl-indafa hekk ippriservat, il-prodott jibqa tajjeb għal tul taż-żmien imma preferibilment dejjem għandu jiġi ikkunsmat f'inqas minn sentejn.

MCAST

Malta College of Arts, Science & Technology

# NIXTIEQ NAĦDEM MAL-ANNIMALI. KIF ĦA NAGĦMEL?



Forsi ma jingħaddux bil-gzuz dawk iż-żgħażagħ li kull meta jiġu mistoqsija x'karriera jixtiequ jaħdmu għaliha jgħidu li determinati jaħdmu għal karriera mal-annimali. Forsi għax f'Malta dan it-tip ta' studju għadu fl-infanzja tiegħu jew forsi għax ħafna qajla jirrejalizzaw bl-opportunitajiet li hawn f'dan is-settur. Pero` li hu żgur hu li kull min jaħdem mal-annimali jsostni li ftit tista' ssib xogħlijiet li jtuk sodisfazzjon daqs meta trabbi u tgħin xi animal.

Għal dawn l-aħħar snin iċ-Ċentru tal-Agrikoltura, Akkwatika u Xjenzi tal-Annimali fi ħdan l-MCAST vara numru ta' korsijiet f'livelli differenti li propju għandhom l-għan li jħarrġu studenti li jixtiequ jitgħallmu din ix-xjenza applikata. Studenti jistgħu japplikaw għal korsijiet f'livelli differenti skont il-kwalifiċi tagħhom:

| KWALIFIĊI | LIVELL TAL-KORS LI STUDENT JISTA' JAPPLIKA GĦALIH |
|---|---|
| MINGĦAJR KWALIFIĊI | LIVELLI 1 JEW 2 |
| 2 'O LEVELS' | LIVELL 3 |
| 4 'O LEVELS' | LIVELL 4 |
| 2 'A LEVELS' U 2 'INTERMEDIATE LEVELS' | LIVELL 6 |

Imma x'jitgħallmu l-istudenti f'dawn il-korsijiet? Jiddependi mil-livell tal-kors iżda wieħed jista' jiġġeneralizza u jgħid li s-suġġetti fil-korsijiet għandhom doża qawwija ta' bijoloġija minħabba li t-tagħlim huwa bbażat fuq l-istudju ta' krejaturi ħajjin. L-istudenti jitgħallmu fuq varjeta` sħiħa ta' annimali bħal per eżempju annimali tal-irziezet (li jinkludu baqar, tiġieġ, majjali, fniek u naħal), annimali domestiċi u li jintużaw għal passatempi varji (bħal klieb, qtates u żwiemel) kif ukoll annimali eżotiċi.

l-istudenti jitgħallmu kif jieħdu ħsieb dawn l-annimali u allura jitgħallmu fuq suġġetti bħal nutrizzjoni, akkomodazzjoni, mard u kura ta' dawn l-istess annimali. Studenti f'livelli għoljin ikollhom ukoll lezzjonijiet ġewwa l-isptar tal-annimali f'Ta' Qali. Hemmhekk jiġu mgħallma minn veterinarji sabiex jitħejjew aħjar għal karriera ta' assistenti veterinarji. Parti integrali minn dawn il-korsijiet huma s-sezzjonijiet prattiċi fejn fihom l-istudenti jagħmlu xogħlijiet mal-annimali kif ukoll l-'internships'- ġranet li studenti jqattgħu fuq post tax-xogħol sabiex itejbu l-kompetenzi li jkollhom bżonn biex jaħdmu f'dan is-settur ma' dawk li 'l quddiem jafu
joffrulhom ix-xogħol.

Nistieden lil kull min jinteressawh l-annimali sabiex jaħseb sew dwar din il-possibilta`. L-opportunitajiet huma varji u nteressanti u żgur li huwa xogħol li jtik iċ-ċans tilħaq il-milja tiegħek. Ibgħat e-mail fl-indirizz t'hawn taħt jekk tixtieq aktar informazzjoni dwar dawn il-korsijiet:

**CAAAS@mcast.edu.mt**

*Dan l-artiklu nkiteb minn Malcolm Borg miċ-Ċentru tal-Agrikoltura, Akkwatika u Xjenzi tal-Annimali.*

# IL-KAPPELLI FIL-KAMPANJA MALTIJA

Il-kampanja Maltija għalkemm mhux sinjura bil-bosta f'dak li huma msaġar kbar u boskijiet enormi, xorta hija għanja f'diversi karratteristiki tipiċi bħal bosta kappelli li jinsabu mxerrdin fil-kampanja f'Malta u kif ukoll f'Għawdex.

F'din is-sensiela ħa naghtu ħarsa lejn dawn l-kappelli. Dawn l-kappelli għandhom storja wara kull waħda minnhom u bosta minnhom jmorru lura fil-milja tas-snin. Bosta drabi jsiru bosta mistoqsijiet fuq dawn l-postijiet ta' qima li jinsabu fil-kampanja fejn diversi minnhom huma f'postijiet mwarrba. Mistoqsijiet li jqumu ta spiss huma għaliex hemm dawn l-kappelli meta madwarhom ma hemmx bini, xi whud għandhom taħżiż li jissejjaħ graffiti fuq l-ħitan ta barra , fejn l-bieb wħud għandhom tabelli tal-irħam identiċi bil-kliem bit-Taljan: Non Gode I Immunita Ecclesiastica . Marbutin ma bosta minn dawn l-kappelli hemm ukoll diversi leġġendi.



(http://loi.research.um.edu.mt/cms/loikids/lessons/history/lesson2/3.html)

Rigward it-tabelli tal-irħam bl-iskrizzjoni Non Gode I Immunita Ecclesiastica , dan kien ifisser li li dik l-kappella ma kienetx tgawdi l-immunita jew l-protezzjoni tal-Knisja. Fl-żmien l-Ordni ta'San Gwann , persuna li kienet tkun mfittxa mill-awtoritajiet sew jekk l-Ordni stess jew l-Inkwizitur u kienet tidħol fi knisja, ħadd ma kien ikollu l-jedd jidħol u jarresta l-persuna li kienet tieħu kenn hemmhekk. Din l- użanza kienet ixekkel serjament l-ġustizzja u kienet ukoll lok ta' kunflitt bejn it-tlett awtoritajiet f'Malta: l-Ordni, l-Inkwiżitur u l-Isqof. Fl-1761 din l-użanza ġiet mneħħija u l-immunita mill-arrest baqgħet tapplika biss għal knejjes fejn kien ikun hemm is-sagrament u fejn ma kienx ikun hemm bdew jitwaħħlu dawn l-lapidi. L-użanza ġiet mneħħija għal kollox fl-1828 fi żmien l-ħakma Ingliża.



(https://www.flickr.com/photos/leslievella64/6074851046 )

Xi kappelli nbnew b'wegħda minn xi persuna jew b'mod kollettiv minn grupp ta nies. Xi kappelli kienu nbnew biex isservu kommunitajiet rurali li biż-żmien u anki bit-tibdil tal-kuntest soċjo-ekonomiku matul iż-żmien, dawn l-kommunitajiet spiċċaw, għebu u anki ntesew.

Ħafna mill-graffitti huma marbutin mas-settur marittimu u dawn il-biċċa kbira huma taħziz jew brix ta' forom ta' xwieni jew iġfna. Dawn huwa maħsub li kienu jsiru minn persuni bħala sinjal ta' ringrazzjament ta' wegħdi li kienu jkunu milqugħa. Dawn l-persuni kienu jkunu nies li ma kienux jifilhu jħallsu biex jagħmlu xi kwadru bħala turija ta' apprezzament u għalhekk kienu jużaw dan il-metodu biex juru l-gratidudni tagħhom.



(http://www.wikiwand.com/en/St._Mary_Magdalene_Chapel,_Dingli)

Ħafna kappelli huma aktar magħrufa aktar minn oħrajn minhabba xi leġġenda partikulari marbuta magħhom. Dawn l-leġġendi għandhom tifsira popolari fil-folklor Malti .Huma parti mill-kultura tagħna bħala stejjer li intirtu minn fomm għal-ieħor u tajjeb li jiġu konservati bħala parti mill-wirt Malti bħal ma għandhom jibqgħu jiġu konservati l-kappelli fil-pajsaġġ Malti.

*Dan l-artiklu nkiteb minn David Bartolo, B.Hons European Studies with History (Melit)*

# Ħxejjex ġodda li qiegħdin ji

## BUTTERNUT SQUASH (CUCURBITA MOSCHATA)

Ġewwa s-serer ta' l-Għammieri bħalissa għaddejja ħafna attivita'. Apparti li għaddejjin bit-tkabbir tal-ponsjetta għal żmien il-Milied, qiegħdin ukoll inkabbru xi ħxejjex għall-istaġun tax-xitwa li żgur li se jintużaw ħafna fil-kċina maltija. Fost dawn insibu l-'Butternut squash' li hija qargħa ħamra żgħira forma ta' qanpiena. Id-daqs tagħha huwa ideali għall-familja u normalment tinxtara sħiħa, mhux bil-biċċa bħal qargħa ħamra l-kbira.

L-ewwel m'għamilna żrajna ż-żerriegħa f'fond normali li jinżergħu kukurbiti oħra u bdejna nsaqqu bid-drip b'kollox madwar tlett sigħat fil-ġimgħa. Bħala ħaxixa tikber malajr ħafna u ma l-ewwel ġimgħa diġa bdejna naraw l-ewwel erbgħa werqiet ffurmati sew. Il-frotta tagħha timmatura ta' bejn wieħed u ieħor 90 - 105 ġurnata (tkun tista tibda tinqata'). Il-kulur tagħha huwa dak tat- te' bil-ħalib, u hija adattata ħafna għal klima sħuna u għal xitwa bħal ta' Malta. Fuq l-ixkaffa żżomm għal żmien twil u meta tinxtara wieħed jista' wkoll iqattaħha u jiffriżha.

Kull ġimgħa qiegħdin inżommu anke xi ritratti u rekords, biex dawk minnkhom li qiegħdin jippruvaw il-prodotti li qed inkabbru ġewwa s-serer tagħna, jkunu jistgħu isibu l-għajnuna u tweġibiet għal mistoqsijiet tagħhom.





## BENEFIĊĊJI LI NIEĦDU MILL-BUTTERNUT SQUASH

Peress li hija rikka ħafna fil-potassa,din tgħinek biex tnaqqas il-pressjoni u tippreveni mard serju tal-qalb. Bħala ħaxixa hija wkoll rikka ħafna fil-fibra u tajba għal min ibgħati bil-konstipazzjoni. Bħall-karrotti hija rikka ħafna fil-vitamina A u hija sors eċċellenti t'antiossidanti 'zeaxanthin' u 'lutein' li jipproteġu l-vista' ta l-għajnejn. Peress li għandha persentaġġ għoli ta' magnesju, kalċju, vitamina Ċ u minerali bħal ħadid, folate u żingu hija tajba ħafna biex iżżomm l-għadam f'saħħtu u tippreveni l-osteoporożi. L-antiossidanti li nsibu fiha, jistgħu ikunu wkoll anti-inflammatorji u jgħinu ħafna lil min ibgħati bl-artrite.

## VALUR NUTRITTIV U KIF TISSAJJAR

Daqs mitt gramma Butternut squash tipprovdi biss ħamsa u erbgħin kalorija, tnax il-gramma karboidrati u baxxa ħafna fix-xaħam, kolesterol u sodju. Dan jagħmilha parti minn ikla ideali għal min qed jipprova jitlef mill-piż u jżomm stil ta' ħajja san.

Hemm ħafna riċetti kif wieħed jista' juża l-butternut squash, u hawn taħt se nsemmi xi ftit ideat.



# tkabbru ġewwa l-Għammieri

## FIL-FORN

Qatta' l-Butternut Squash f'dadi u flimkien magħha ġo riċipjent itfa' tewm, żejt taż-żebbuġa u xi ħwawar li tiggosta. Ħawwad sew, ifrex ġo dixx u sajjar fil-forn fuq nar medju għal madwar 30 minuta.

## RISOTTO

X'għandek bżonn

Butternut squash, basla, tazza nbid abjad, stokk tat-tiġieġ, ross arborio, bżar u melħ.
Ibda billi tgħalli l-butternut squash sakemm din tirtgħab. Fl-istess ħin ġo taġen itfa' ftit butir u qalli l-basla għal żewġ minuti. Flimkien mal-basla waddab ir-ross u ħawwadhom flimkien sakemm il-basla tibda taqleb fil-kannella. Itfa l-inbid,u ħawwad sew sakemm jevapora. Kif tara li l-inbid evapora żid il-butternut squash u l-stokk tat-tiġieġ. Ibqa' ħawwad u kull meta tarah li evapora erġa' żid l-istokk. Meta jkun sar , il-konsistenza tiegħu trid tkun kremuża. Fl-aħħar servi b'xi ftit parmiġġjan maħkuk.





## IKTAR ĦXEJJEX LI QIEGĦDIN INKABBRU FL-GĦELIEQI TAGĦNA

Pastarda Ħadra u Pastarda Ħadra bil-pizzi (Cavalfiore verde u Cavalfiore romanesco)

Il-Pastarda l-ħadra u dik Romanesca huma varjetajiet oħra tal-pastard. Huma tajbin għal temperaturi ta' bejn il-ħarifa u x-xitwa u timmatura ta' bejn wieħed u ieħor mitt ġurnata. Biex tikber għandha bżonn ħamrija maħduma u fertili. Meta titħawwel trid tħalli madwar 60cm bejn waħda u oħra biex ikollhom biżżejjed spazju fejn jikbru. Id-dehra tal-pastarda ħadra bil-pizzi hija kompatta, bil-ponot u kulur vibranti, filwaqt li l-pastarda l-ħadra hija simili ħafna għall-pastarda l-bajda. Bħala ħaxixa hija rikka ħafna fil-minerali, kalcju, potassjum, fibra, antiossidanti u vitamina B2. Hija tajba wkoll għal min ibgħati bid-demm baxx, u min għandu bżonn li d-dieta tiegħu tkun mingħajr glutina.

Cavalfiore arancione ( Pastarda Oranġjo)

Il-pastarda oranġjo hija simili ħafna tal-pastarda l-bajda li nsibu fis-suq. It-togħma tagħha hija sottili u meta tissajjar toħroġ togħma ta' ġewż. Bħala pastarda ssibha s-sena kollha u l-kulur tagħha ġej minn mutazzjoni ġenetika. Hija rikka fil-'beta-carotene', vitamina A, kalċju, potassju, fibra u vitamina Ċ.

Biex tissajjar tista' tintuża bħal pastarda l-bajda u t-togħma tagħha tmur tajjeb ħafna mat-tewm, curry, kemmun, cardamom u ġobnijiet b'togħma qawwija.

*Dawn l-artikli nkitbu minn Claire Cauchi Uffiċjal Agrikolu Anzjan fi ħdan id-Direttorat għall-Kompetizzjinu u d-Diversifikazzjoni.*

# IL-COMMON BUNT


*Żbula taċ-ċereali bil-common bunt*

Il-Common Bunt li għaliha mhawnx isem bil-Malti hija magħrufa wkoll bl-Ingliż bħala stinking smut u covered smut. Din hija marda ta' kwalità li taffettwa ċ-ċereali bħall-qamħ, avena u xgħir. Din il-marda tiġi kkawżata minn żewġ tipi ta' mofof li huma relatati ma' xulxin. Dawn huma Tilletia tritici u Tilletia laevis li jidhru identiċi iżda l-istrutturi tagħhom qishom boċċi (bunt balls bl-Ingliż) li jipproduċi l-fungu u li jkunu mimlija trab iswed ivarjaw fl-għamla tagħhom. Dawn il-boċċi li jipproduċu t-Tilletia tritici u Tilletia laevis huma simili fid-daqs meta mqabbla maż-żerriegħa tal-qamħ.


*Żerriegħa tal-qamħ ħdejn boċċi tal-common bunt*

L-infezzjoni mill-common bunt hija riżultat ta' spori (żerriegħa tal-fungu) li jkunu forma ta' trab iswed u li jikkontaminaw l-wiċċ taż-żerriegħa matul il-ħsad (A). Dawn l-ispori li jkunu maż-żerriegħa taċ-ċereali li nżergħet jew inxterdet ma' l-art waqt il-ħsad tas-sena ta' qabel, jinbtu u jippenetraw iz-zokk zgħir u tari tax-xitla li tkun nibtet miż-żerriegħa taċ-ċereali (B).

B'hekk il-pjanta tiġi nfettata u l-fungu jsir parti mill-parti femminili tal-fjura (ovaries). Ċelloli taż-żerriegħa taċ-ċereali li tkun se tifforma jinbidlu u fl-aħħar stadju taċ-ċiklu, jiffurmaw ruħhom boċċi kafellatte minflok per eżempju l-qamħa u li jitfarrku malajr meta tagħfashom (C).

Minnhom joħroġ it-trab iswed li semmejt qabel u jerġa' jinfetta pjanti tal-istaġun ta' wara. L-ispori f'dan it-trab iswed jistgħu jinġarru mar-riħ jew max-xita. Il-fungu jagħmel l-aktar ħsara fil-pjanta meta l-perċentwal ta' l-umidità tkun madwar 40 sa 60%, b'hekk ċereali li kienu miżrugħa tard fix-xitwa jew fil-bidu tar-rebbiegħa jġarrbu aktar ħsara.



*Iċ-ċiklu bijoloġiku tal-common bunt.*

## TRATTAMENT TAŻ-ŻERRIEGĦA

M'hemm l-ebda trattament speċifiku fil-preżent li jaħdem kontra din il-marda. Għalkemm il-funġiċida bl-ingredjent attiv magħruf bħala fludioxonil jista' jiġi wżat biex jgħin fil-kontroll ta' din il-marda billi jiġi applikat fuq il-pjanta fl-għalqa. Prattiċi ta' ndafa ġenerali jgħinu biex jonqos t-tixrid ta' din il-marda. Eżempju t-tindif tal-magna tad-dris bejn l-użu tal-makkinajru minn għalqa għal oħra.

Meta bidwi jixtri varjetajiet ta' barra, hu ħa jnaqqas iċ-ċans li l-common bunt tiżviluppa fil-qamħ jew ċereali oħra li jkabbar għax iż-żerriegħa tkun iċċertifikata qabel tiġi mpurtata jew introdotta f'Malta. Huwa preferibbli li jinxtraw żrieragħ iċċertifikati minħabba li ż-żrieragħ ikunu għaddew minn testijiet speċifiċi ta' kwalità. Wara li jsir il-ġbir taż-żerriegħa mill-għelieqi, huwa essenzjali li ż-żerriegħa tiġi mnaddfa bl-użu ta' tagħmir tat-tindif għaż-żerriegħa qabel ma tiġi trattata bil-funġiċida u miżmuma għall-istaġun taż-żriegħ li jkun imiss.

## IX-XENA LOKALI

Skont informazzjoni li ġabar id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti, il-problema tal-common bunt mid-dehra tinstab lejn in-nofsinhar ta' Malta.

It-tip ta' qamħ li qed jiġi affettwat bil-common bunt hu dak magħruf lokalment bħala "It-Taljan l-Antik". Dan it-tip ta' qamħ ilu miżmum għand il-bdiewa Maltin għal numru ta' snin u f'ħafna mill-każijiet tinżera' mill-istess bdiewa minn sena għall-oħra. Ġie nnutat li ħafna mill-bdiewa li jkabbru l-qamħ ma kinux jafu dwar din il-marda u minn xhiex tiġi kkawżata.

## IL-MARDA

Mhux faċli biex tara l-common bunt qabel ma tibda tikber il-pjanta u l-pjanti nfettati ġeneralment jipproduċu ammont inqas ta' żbula minn dawk mhux infettati. Infatti s-sintomi negattivi ta' dan il-mard ma jkunux jidhru qabel ma jibdew jitwalu z-zkuk u ftit qabel ma jiġi maħsud per eżempju l-qamħ.

Iż-żbul ta' pjanti morda ġeneralment għandhom kulur jkanġi bejn l-aħdar u l-blu iżjed mis-soltu u jżommu l-kulur aħdar tagħhom għal żmien itwal minn żbul b'saħħtu. Pjanti nfettati huma iqsar minn pjanti normali.

Barra minnhekk, pjanti li huma nfettati jkollhom żbula aktar dgħajfa w irqaq minn żbula normali. Ukoll l-għeruq jiżviluppaw aktar bil-mod u ż-żerriegħa tkun eħfef u ta' kwalità inferjuri.

Il-preżenza tal-common bunt fil-qamħ tista' tiġi identifikata primarjament billi toqros iż-żerriegħa tal-qamħ bejn is-swaba. Iż-żerriegħa tal-qamħ tinbidel f'boċċi tondi b'riżultat li l-qlub infettati jkunu rotob u żejtnija li jħallu biss trab iswed. Infatti wara l-ħsad tal-qamħ infettat bil-common bunt, jiġi nnutat trab iswed fil-magni tad-dris.

Iż-żerriegħa li tkun indirset ġeneralment tkun bit-trab iswed fuqha. Wieħed mis-sinjali l-aktar komuni tal-marda hija r-riħa qawwija pessma ta' ħut. Ir-riħa tiġi mill-produzzjoni ta' kimika partikolari msejħa trimethylamine.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Maureen Delia Spizjara Prinċipali fi ħdan id-Direttorat għas-Saħħa tal-pjanti.*

# GĦAJNUNA FINANZJARA GĦALL-BDIEWA

Lejn l-aħħar tas-sena 2016 u fil-bidu tas-sena 2017 se jiġu mnedija numru ta' miżuri mill-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020. Hawn taħt se nagħtu ħarsa lejn it-tip t'għajnuna finanzjarja li se joffru dawn il-miżuri, u x'għandu jagħmel kull min hu interessat u eliġibbli biex japplika.

## GĦAJNUNA GĦALL-INVESTIMENTI (MIŻURA 4)

Waħda mill-aktar miżuri popolari taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali 2007-2013 kienet il-Miżura 121, li għaliha kien hemm domanda qawwija u applikaw mijiet ta' bdiewa fis-snin li għaddew. Għaldaqstant, taħt il-miżura 4 se titnieda s-sottomiżura 4.1 li hija simili ħafna għall-eks miżura 121, għaliex tipprovdi għajnuna finanzjarja lill-bdiewa u r-raħħala sabiex jinvestu fl-irziezet tagħhom.

L-għajnuna li se tingħata taħt din il-miżura tiffinanzja spejjeż relatati ma' investimenti f'tagħmir u makkinarju aktar effiċjenti, investiment li għandhom l-għan li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija, xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ristrutturar, investimenti għall-ħażna u użu aktar effiċjenti tal-ilma, fost affarijiet oħra.

Taħt din il-miżura se jkunu allokati madwar 25 miljun ewro, u huwa mistenni li jibbenefikaw mill-għajnuna mill-inqas 200 bidwi. L-għajnuna li wieħed jista' jieħu taħt il-miżura 4.1 hija sa 50% tal-ispejjeż eliġibbli sa limitu massimu ta' 150,000 ewro. Huwa mistenni li s-sejħa għall-applikazzjonijiet tiftaħ f'Jannar 2017.

Miżura oħra li se titnieda dalwaqt, u li għaliha wkoll hemm interess għoli, hija l-miżura 4.4 li tagħti għajnuna għal investimenti mhux produttivi li għandhom benefiċċji agri-ambjet-klimatiċi. L-għajnuna li se tingħata taħt din il-miżura se tkopri spejjeż li jinkludu fost oħrajn, ir-restawr ta' pajsaġġi, ħitan tas-sejjieħ, investimenti relatati mal-ġestjoni tal-ilma, eċċ.

Taħt il-miżura 4.4 ġew allokati madwar 12-il miljun ewro li minnhom jistgħu jibbenefikaw bdiewa, kumpaniji, entitajiet pubbliċi u organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt, u bħall-miżura 4.1 jistgħu jirċievu sa 50% tal-ispejjeż eliġibbli sa limitu massimu ta' 150,000 ewro. Is-sejħa għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet fetħet f'Diċembru 2016.

## MIŻURI AGRI-AMBJENT-KLIMA (MIŻURA 10.1)

Taħt il-Miżura 10.1, fil-futur qarib se jiġu mnedija l-iskemi li ġejjin:

Skema 2: Miżuri ta' manutenzjoni tas-siġar – manutenzjoni ta' speċi ta' siġar rakkomandati li jissostitwixxu speċi aljeni jew dawk imħawla biex jipprevjenu l-erożjoni tal-ħamrija u l-erożjoni mir-riħ
Skema 3: Għajnuna għall-introduzzjoni ta' kaxxi tan-naħal f'azjendi agrikoli
Skema 4: L-implimentazzjoni ta' pjanijiet għall-ġestjoni integrata ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara (IPM) fil-vinji u fil-ġonna tal-frott
Skema 6A: Għajnuna għall-integrazzjoni u l-konservazzjoni tat-Tiġieġa Sewda Maltija

Dawn se jikkumplimentaw l-iskemi agri-ambjent-klima msemmija hawn taħt, li ħarġu aktar kmieni din is-sena u kienu deskritti fil-ħarġa ta' Nisġet Artna ppubblikata Ġunju li għadda:

Skema 1: Miżura għall-kontroll ta' ħaxix ħażin fil-vinji u fl-imsaġar tal-frott permezz ta' metodi mekkaniċi, minflok kimiċi;
Skema 6B: Għajnuna għall-integrazzjoni u l-konservazzjoni tal-Gendus Malti
Skema 6Ċ: Għajnuna għall-integrazzjoni u l-konservazzjoni tas-siġar tal-Ħarrub, tat-Tut u taċ-Ċawsli

## IL-PERJODU TAS-SEJĦA

Il-perjodu tas-sejħa għal dawn l-iskemi se jkun miftuħ bejn il-21 ta' Novembru u l-21 ta' Diċembru 2016. Matul dan il-perjodu, kull min huwa interessat f'dawn l-iskemi għandu jgħaddi sal-"Front Office" ġewwa Ta' Qali jew ix-Xewkija (Għawdex) bejn is-7.30 u 13.30 sabiex japplika. Huwa importanti li l-bdiewa jkunu jafu li jekk jibbenefikaw mill-għajnuna taħt dawn l-iskemi agri-ambjent-klima, se jkollhom jibqgħu jikkonformaw mal-obbligi għal perjodu ta' ħames snin. F'każ illi dan ma jsirx, il-flus mogħtija kollha jistgħu jiġu miġbura lura mill-Aġenzija għall-Pagamenti.

## AKTAR INFORMAZZJONI

Għal aktar informazzjoni dwar il-miżuri msemmija hawn fuq wieħed jista' jikkonsulta l-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020 (Kapitolu 8, Miżura 10.1), jew il-linji gwida rilevanti li se jiġu ppubblikati fuq is-sit tal-Awtorità ta' Ġestjoni malli jinfetħu s-sejħiet rilevanti: http://eufunds.gov.mt/

**Barra minn hekk, wieħed jista' wkoll iżur jew iċempel il-Front Office fuq 22 92 61 48 (Malta) jew 22 15 69 74 (Għawdex).**

*Dan l-artiklu nkiteb minn Malcolm Vassallo Senior Manager Agriculture & Rural Payments – EU Internal & External communication.*

# DWIELI U ŻEBBUĠ – IL- FORMOLA TAL-ĦSAD

Dan l-artiklu għandu jkun t'interess, b'mod partikolari, għal dawk kollha li jkabbru s-siġar taż-żebbuġ, kemm tal-għasir kif ukoll tal-mejda, li kull sena jirċievu d-dar formola msejħa "harvest declaration form". L-għan ewlieni ta' din il-formola, fil-każ tas-siġar taż-żebbuġ, huwa li jiġi indikat l-ammont ta' żebbuġ li nqata' fl-istaġun. Barra minn hekk jitniżżel ukoll informazzjoni addizzjonali bħal: il-varjetà taż-żebbuġ, in-numru ta' siġar preżenti fl-għalqa, l-ammont ta' żebbuġ mibjugħ lill-għassara, l-ammont mibjugħ mill-pitkalija u l-ammont ta' żebbuġ u żejt li se jintuża għall-konsum personali tal-bidwi.

Dan kollu jrid isir kif stipulat fl-Avviż Legali Numru 66 tal-2014, u għaldaqstant huwa obbligu li l-bdiewa li jkabbru ż-żebbuġ iridu jsegwu. Għaldaqstant, sabiex dan il-proċess jiġi ffaċilitat għall-bdiewa, dawn il-formoli qed jiġu milqugħa l-Uffiċċju tal-Front Office li jinsab il-Pitkalija, Ta' Qali jew fix-Xewkija, Għawdex. Barra minn hekk il-formola tista' tintbagħat lura, mimlija u ffirmata, bil-posta dirretament lid-Direttorat li jiġbor l-informazzjoni ta' dawn il-formoli, jiġifieri id-Direttorat tal-Agrikoltura.

L-istess jiġri fil-każ tal-għeneb għal produzzjoni tal-inbid. L-għan primarju hu li jiġi identifikat l-oriġini tal-għeneb għal kull flixkun inbid prodott mill-għassara lokali. B'hekk ħadd ma jkun jista' jqarraq bil-konsumatur. Id-Direttorat tal-Agrikoltura qiegħed f'pożizzjoni li joħroġ ċertifikat ma' kull flixkun inbid prodott, ċertifikat li normalment ikun imwaħħal mal-għonq tal-flixkun. Permezz ta' dan l-eżerċizzju ikun possibbli li jiġi identifikat mill-konsumatur il-kwalità tal-inbid mibjugħ , bħal pereżempju inbejjed ċertifikati bħala DOK (Dominazzjoni ta' Oriġini Kontrollata) jew IĠT (Indikazzjoni Ġeografika Tipika).

## X'INHU L-ISKOP TA' DAN L-EŻERĊIZZJU?

Id-Direttorat tal-Agrikultura għandu l-għan li jserraħ ras il-konsumaturi u l-produtturi li l-prodott li jiġi mibjugħ bħala prodott Malti jkun fil-fatt verament prodott Malti. Għalhekk huwa importanti ħafna li d-Direttorat jibni u jmantni sistema ta' traċċabbiltà tajba sabiex ma jkunx hemm lok ta' abbuż, filwaqt li jkun protett dak li huwa veru Malti. Tali sistema qed titħaddem permezz tal-informazzjoni provduta fil-formoli miġburin.

## X'GĦANDU JAGĦMEL BIDWI LI JKABBAR IŻ-ŻEBBUĠ JEW L-GĦENEB?

Il-formola trid timtela' u tasal lura l-uffiċċju tad-Direttorat tal-Agrikoltura sa mhux iktar tard mit-30 ta' Novembru 2016 fir-rigward tal-inbid, u sal-31 ta' Diċembru fir-rigward taż-żebbuġ. Għal aktar għajnuna wieħed jista' jżur l-Uffiċċju tal-Front Office, li jinsab fil-Pitkalija, Ta' Qali jew il-Front Office fix-Xewkija, Għawdex. L-istaff tal-Front Office huma dejjem disponibbli biex jassistu kemm jistgħu lill-bdiewa anke billi jiggwidawhom dwar kif għandha timtela l-formola u sa meta. Huwa importanti li wieħed jieħu miegħi l-pjanti li jindikaw fejn jinsabu d-dwieli jew is-siġar taż-żebbug, flimkien ma' karta ta' identità valida.

Jekk wieħed jixtieq jevita l-vjaġġ lejn wieħed miż-żewġ uffiċini tal-Front Office li għandna f'Malta u Għawdex, jista' jibgħat id-dikjarazzjoni bil-posta permezz tal-envelopp li tintbagħat flimkien mal-ittra. L-indirizzi tal-uffiċini jinsabu hawn taħt:

- Front Office, Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, Pitkalija, Ta' Qali limiti ta' Ħ'Attard, Malta
- Front Office, Farm Sperimentali tal-Gvern, Mġarr Road, Xewkija, Għawdex

Id-Direttorat u l-Front Office tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) qed ifittxu kontinwament modijiet kif kemm jista' jkun jiffaċilitaw ħajjet-il bidwi. Għalhekk, f'kaz li għandek bżonn xi assistenza relatata ma' din il-formola jew ta' natura differenti, tista' ċċempel fuq 22 92 42 34 jew 22 92 61 63, jew tista' wkoll iżżur l-uffiċċju tad-Direttorat ġewwa l-Għammieri.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Philip Camilleri Uffiċjal Xjentifiku fi ħdan is-Sezzjoni Regolatorja*

## GĦAL SENA OĦRA JITNIEDA L-FOND TAL-"ANIMAL WELFARE"

Nhar it-Tnejn 7 ta' Novembru 2016, is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal- Annimali nieda l-fond tal-"Animal Welfare" sabiex l-entitajiet mhux governattivi bħal santwarji tal-annimali, ikunu jistgħu jibbenefikaw minn għajnuna finanzjarja sabiex isaħħu l-proġetti tagħhom.

Għal dan il-fond ġew allokati 50,000 ewro. Dan ifisser żieda ta' 10,000 ewro fuq is-sena l-oħra wara s-suċċess li kellu dan il-fond. Bis-saħħa ta' dan il-fond, is-santwarji jkunu jistgħu jassiguraw il-ħarsien tal-annimali u jinvestu aktar fil-kura u r-rijabilattazzjoni tagħhom.

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes spjega dan kollu waqt Konferenza tal-Aħbarijiet illi saret fis-santwarju "Noah's Ark" fil- Mellieħa. Dan is-santwarju kien wieħed minn dawk illi s-sena l-oħra ħadu total ta' madwar 5,000 ewro f'għajnuna. Is-sena l-oħra kienu aċċettati tmien applikazzjonijiet minn ħdax.

Din is-sena hemm tnax-il applikazzjoni li għaddew quddiem il-kumitat li twaqqaf apposta biex jiddetermina liema applikazzjonijiet għandhom jiġu aċċettati.




# BREEDS OF ORIGIN

Breeds of Origin Conservancy (BOC) hija organiżżazzjoni mhux governattiva (NGO) mwaqqfa riċentament f'Marzu tas-sena 2016. L-għan ta' din l-organizzazzjoni hu li jiġu mħarsa speċi u razez indiġeni Maltin, bhejjem u pjanti, dawk li huma razzez agrikoli jew ikkultivati, kif ukoll dawk li jinstagħbu fi stat naturali. Il-moġġorparti ta' dawn ir-razez u speċi huma mhedda u f'periklu imminenti ta' estinzjoni. L-organizzazzjoni giet moħluqa ukoll biex issir riċerka fuq l-użu sostenibbli tagħhom sabiex jiġi apprezzat il-potenzjal li dawn il-ħlejjaq għandhom moħbi ġo fihom.

Il-konservazzjoni ta' dawn l-ispeċi u razez għandha tingħata l-importanza li jistħoqqilha għaliex dawn jagħmlu parti mill-identità nazzjonali tagħna, wirt kulturali tal-Maltin u rizorsa ta' bijodiversita unika fid-dinja.

Inħasset il-ħtiega li dan ix-xogħol jibda jseħħ malajr kemm jista' jkun, għalhekk diġa tnedew diversi inizjattivi u proġetti ta' konservazzjoni minn Breeds of Origin, fosthom fuq in-Naħla Maltija, it-Tiġieg Suwed ta' Malta kif ukoll fuq il-Mogħża Maltija. Apparti minn dawn hemm ħafna aktar progetti ppjanati li jibdew fuq speci oħra fi żmien qarib, izda hemm bzonn li jsir ħafna xogħol u riċerka.

Bosta esperti u Għaqdiet internazzjonali qegħdin joffru l-għajnuna tagħhom sabiex jagħtu spinta 'l-konservazzjoni ta' dawn ir-razez u speċi. Ta' min isemmi wkoll li l-entużjażmu u l-impenn tal-imsieħba tagħna, li jinkludi numru konsiderevoli ta' bdiewa u raħħala lokali, qed iwasslu għas-suċċess ta' dawn il-proġetti. Dan juri fic-car li kien hawn l-għatx għal dan it-tip ta' xogħol fil-gzejjer tagħna!

Dawn il-proġetti se jkunu qed jikkontribwixxu wkoll sabiex tissaħaħ l-edukazzjoni u l-għarfien għall-pubbliku b'mod effettiv dwar l-importanza tal-ħarsien tal-bijodiversità u riżorsi ġenetiċi li għandna u li huma ta' valur imprezzabli għall-Gżejjer Maltin, mhux biss izda anki fuq skala internazzjonali.

Hu ferm meħtieġ li r-riċerka u l-ħidma ta' konservazzjoni ma tiqafx, sabiex nevitaw li dawn l-ispeċi u razez indiġeni Maltin ma jinqerdux darba għal dejjem. Razza jew speci darba tin

Breeds of ORIGIN

*Breeds of Origin Conservancy, 63 Triq Nerik Sant, Zebbug, Malta* *Tel. +356 79990039*
*l-indirizz elettroniku: breedsoforigin.malta@gmail.com*

# GĦERF ĠENSNA FIL-MILIED

*Christopher Bonnici*

Drajna nkantawha minn meta konna żgħar! Drajna nisimgħuha u nitpaxxew biha! Drajna nfittxu li nitgħallmuha fl-iskola jew fid-duttrina! Meta kbira drajna ngħallmuha lil uliedna! Għax hija parti mill-folklor tagħna; għax saret sinonima ma' dan iż-żmien; għax saret tqabbadna nostalġija lejn żmien it-tfulija - żmien illi tar u ma jerġax jiġi; imma din l-għanja terġa' ssibna tfal "żgħar", innoċenti bħal tfulitna. Għal din il-ħarġa ħsibt biex minflok xi qawl jew idjoma ngħid xi ħaġa dwar "Il-Benniena ta' Ġesu` Bambin, jew kif nafuha aħjar "Ninni La Tibkix Iżjed" miktuba minn Patri Indri Schembri. Madankollu, għalkemm din hija l-iktar għanja famuża Maltija f'dan iż-żmien, għerf ġensna, matul is-sekli ħaseb ukoll sabiex fis-Seklu 18 ikollna s-Sinfonija Pastorali miktuba - aktarx - miż-Żebbuġi Emmanuele Galea, l-għanja "Ejjew Ilkoll Ninġabru" miktuba mir-Rabti Francesco Azzopardi; ukoll fis-Seklu 18, "Ejjew Tfal Ngħollu Leħinna", li ma nafux kemm ilha li nkitbet u lanqas min kitibha, u "Ninni, Ninni", miktuba minn Monsinjur Karm Farrugia, li titkanta fuq il-melodija tal-għanja tradizzjonali "Ninu, Ninu tal-Milied". Għal din is-sena, se nintrabat biss ma' "Il-Benniena ta' Ġesu` Bambin".

## L-AWTUR TA' "NINNI LA TIBKIX IŻJED"

Patri Indri Schembri twieled fl-1 ta' Settembru 1805 f'Ħal Luqa - fil-fatt jismu għall-qaddis patrun tal-lokal - Sant' Andrija Appostlu - u meta beda jikber sar Patri Ġiżwita. Fl-1837 qaddes. u daħal jgħallem fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti f'Birkirkara, f'San Ġiljan u fil-Kulleġġ illi l-Ġiżwiti kellhom fl-Imdina. Patri Schembri dam igħallem f'dan il-Kulleġġ sal-1852 imbagħad erħielha lejn l-Alġier biex jaħdem qalb il-Maltin li kienu emigraw hemmhekk.

Huwa ħadem bil-qalb fosthom u għamel kemm seta' biex bejniethom iżomm l-istess spirtu li kellhom meta kienu għadhom f'art twelidhom. Huwa kienu jqisuh bħala missierhom, lest biex jgħinhom f'kull ħtieġa li kienet tinqalgħalhom. Meta ra l-imħabba li kienet tidher fost il-Maltin, Patri Indri tħajjar jikteb xi għanjiet reliġjużi bil-Malti. Hu kiteb ftit mhux ħażin u rnexxielu jaqleb f'ilsienna oħrajn mil-Latin, hekk li fl-1864 ħariġhom fi ktieb li semmieh "Ġemgħa ta' Kliem Imqaddes li Jingħad mill-Maltin tal-Alġier".

Huwa qatt ma sejjaħ lilu nnifsu "poeta", fil-fatt, il-ktieb tiegħu ma semmiehx "poeżiji" imma "Ġemgħa ta' Kliem Imqaddes". Minkejja li nammettu li l-livell poetiku mhux dejjem preżenti, għax iktar huma ġabra ta' innijiet jew talb f'forma ta' taqbiliet bħal Kurunelli, permezz ta' dawn il-kitbiet irnexxielu jżomm ħaj ilsienna f'komunità li emigrat lil hinn minn artna.

Fl-1905 ħarġet it-tieni edizzjoni tal-ktejjeb "Il-Għasar tal-Madonna" u fl-1910 t-tielet waħda. Kien il-poeta u rumanzier Malti, Ġużè Muscat Azzopardi li ħadem fuq it-traduzzjoni ta' dan. X'uħud mill-poeżiji ta' Schembri dehru fil-kotba tal-"Mogħdija taż-Żmien" maħruġa minn Alfons Maria Galea.

## L-GĦANJA

Bir-repetizzjoni tal-kelma "ninni" din l-għanja, kemm fil-forma kif ukoll fil-kontenut tista' tinftiehem bħala taħnina; bl-Ingliż "Lullaby"; għanja li l-ġenituri jkantaw lil uliedhom sabiex jorqdu. Ir-ritornell huwa stedina lit-tarbija Ġesu` sabiex jorqod u ma jibkix għax huwa aħna li netieġu li nibku minfloku għax huwa aħna l-bnedmin illi aħna midinbin u mhux hu.

Fl-ewwel strofa li mhix ir-ritornell naraw stedina lill-anġli sabiex mis-smewwiet jinżlu bil-mijiet u "araw lil min ħalaqkom". Strofa oħra tistieden lill-"kbarat tad-dinja" sabiex jinżgħu mill-kburija tagħhom għax qegħdin jaraw lil Alla l-Imbierek illi sar tarbija.

Il-kliem u l-melodija sempliċi jagħmlu minn dan l-innu xi ħaġa li tiġbed l-attenzjoni tagħna għax malajr niftakruha. Nittama li bħalma popli oħra jiftaħru u huma kburin b'għerf missirijiethom, aħna l-Maltin ukoll inkunu kburin u napprezzaw il-wirt imprezzabbli li ta' qabilna ħallewlna biex illum nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem illi pajjiżna wkoll għandu t-timbru tiegħu fil-qasam kulturali u folkloristiku għal żminijiet differenti matul is-sena.

Awguri minn qalbi għal Milied Hieni mogħni bil-ferħ u l-barka ta' Ġesu` Bambin u sena ġdida mogħnija b'dak kollu li nixtiequ.



# CHRISTMAS VILLAGE
# At Għammieri Farm

## 17Th & 18Th DECEMBER 2016

***Mass & Choir singing***

***Cake Competition***

***Display of Traditional Milking Process***

***Photos with various Farm Animals***

***Meet Santa***

***Traditional Christmas Delicacies***



RFU
RURAL FESTIVITIES UNIT

merlin library
www.merlinlibrary.com

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Candy Rush Group
Mob:79456339 / 79475384
candyrushmellieha@gmail.com
Find us on Facebook


SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI